31997R1259

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru. 1259/97

tal-1 ta' Lulju 1997

li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 1501/95 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1766/92 għall-għoti ta' rifużjoni ta' esportazzjoni fuq iċ-ċereali u l-miżuri li jridu jittieħdu f'każ ta' ċaqlieq fis-suq taċ-ċereali

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 923/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1501/95 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 95/96 [4], jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati dwar ir-rifużjoni ta' esportazzjoni fuq ċereali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' appalti;

Billi l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 3665/87 tas-27 ta' Novembru 1987 li jistabbilixi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni ta' esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 815/97 [6], jistabbilixxi regoli ġenerali dwar prova li ġew osservati l-formalitajiet tad-dwana għar-rilaxx għall-konsum; billi l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru. 1501/95 jipprovdi għal deroga minn dawn ir-rekwiżiti f'każijiet fejn l-esportazzjoni issir bil-baħar; billi, għaċ-ċarezza, il-każijiet fejn din id-deroga tapplika jridu jkunu speċifikati u iktar ċari, b'mod partikolari rigward il-fatt li l-eżenzjoni tiġi aċċettata biss fejn ir-rifużjoni ġiet stabbilita f'kuntratt li ngħata lill-pajjiżi terzi biss mingħajr eċċezzjoni;

Billi jrid isir possibli li jingħataw kuntratti li jistabbilixxu rifużjonijiet jew taxxi ta' esportazzjoni mingħajr ma' jfixklu l-kontinwità f'sitwazzjonijiet ta' suq transizzjonali; billi, għaldaqstant, offerti li għandhom x'jaqsmu mar-rifużjoni jridu jaqblu ma' offerti li jirrigwardaw taxxi u ma' jridx ikun hemm xi jwaqqaf sadattant il-proċess ta' appalt;

Billi l-miżuri msemmijin f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ewwel paragrafu fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru. 1501/95 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Minkejja l-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru. 3665/87, prova li tlestew il-formalitajiet tad-dwana għar-rilaxx għall-konsum mhijiex ser tintalab f'każi ta' rifużjoni stabbiliti f'kuntratt li ngħata għar-rifużjoni fuq esportazzjoni lill pajjiżi terzi kollha, sakemm l-operatur jagħti prova li l-kwantità ta' mhux inqas minn 1500 tunnelata ta' prodott taċ-ċereali ħareġ mit-territorju tad-dwana tal-Komunità abbord ta' vapur li jiflaħ għall-baħar."

Artikolu 2

L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1501/95 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Billi rifużjoni ta' esportazzjoni massima hi ffissata, l-kuntratt jingħata lil dak l-appaltatur jew appaltaturi li tefgħu l-offerti li huma ekwivalenti għal jew inqas mir-rifużjoni massima, kif ukoll lill dawk l-offerti ta' dak l-appaltatur jew appaltaturi li tefgħu l-offerti li għandhom x'jaqsmu ma' taxxa ta' esportazzjoni."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

---

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
[2] ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.
[3] ĠU L 147, tat-30.6.1995, p. 7.
[4] ĠU L 18, ta' l-24.1.1996, p. 10.
[5] ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
[6] ĠU L 116, tas-6.5.1997, p. 22.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni